

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 351/2009

tat-28 ta' April 2009

li jiffissal-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal-liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont il-kwota msemija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward il-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 33(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu III(3) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 jiddetermina l-proċedura għall-allokkazzjoni ta' liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom ikunu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont kwota miftuħa għal dak il-pajjiż.

(2) L-applikazzjonijiet imressqa għas-sena tal-kwota 2009/2010 jkopru kwantitajiet li jaqbżu dawk disponibbli. B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu ffixxati koeffiċjenti ta' allokkazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti msemija fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 għandhom ikunu mmultiplikati bil-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li ġejjin:

— 0,575975 għall-applikazzjonijiet imressqa għall-parti tal-kwota msemija fl-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006,

— 0,336842 għall-applikazzjonijiet imressqa għall-parti tal-kwota msemija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 692.